MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 19/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell Numru: 19/2014**

**Diane Degabriele (K.I.Numru 67186M)**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-26 ta' Settembru 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru,*

*L-Appell*

*L-appellanta tinsisi li hija ma bdietx tircievi l-ghajnuna socjali minn Awwissu 2011 minn meta ghamlet l-applikazzjoni taghha. Hija kienet giet mitluba mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali biex tghaddi certifikat mill-insinwa li z-zwieg taghha kien null izda hija ma setghetx tghaddi dan ic-certifikat mill-ewwel minhabba proceduri legali. Hija kienet izzomm kuntatt il-hin kollu mad-dipartiment b'kull zvilupp.*

*Risposta*

*Fir-risposta tieghu, d-Direttur isostni li l-appellanti kienet ghamlet talba ghall-ghajnuna socjali fl-20 ta' Marzu 2013. Din it-talba kienet mistharrga fit-tul ghar-raguni li kien hemm diversi fatturi li d-Dipartiment ried jiccara mal-appellanti u meta gew solvuti l-istess appellanti bdiet tinghata l-ghajnuna socjali b'effett mit-23 ta' Marzu 2013 u cioe' l-ewwel Sibt wara t-talba maghmula minnha. Id-Direttur kien infurmaha b'dan fl-14 t'Ottubru 2013.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Jidher li l-appellanti kienet tmur regolari d-Dipartiment titlob l-ghajnuna socjali u kienet izzomm lid-Dipartiment infurmat bl-izviluppi kollha li kien hemm fuq il-kaz taghha ta' annullament. Iz-zwieg kien gie annullat u kulma kien baqhalu jigbor id-Dipartiment kien ic-certifikat taz-zwieg emendat li juri li z-zwieg tal-appellanti kien gie annullat. L-appellanti tispjega li hi kienet ghamlet it-talba verbalment lid-Dipartiment mill-ewwel u ma kienx it-tort taghha li ma harigx ic-certifikat mill-ewwel, hi tghid 'minhabba proceduri legali'.*

*Id-Dipartiment qed jibbaza l-argument tieghu fuq il-formola formali li pprezenta mar-risposta. Minn din il-formola jirrizulta li d-data hija t-18 ta' Marzu 2013 u mhux 1-20 ta' Marzu 201 3 kif jghid id-Direttur fir-risposta tieghu.*

*Imma l-punt kardinali f'dan l-kaz huwa meta fir-rejalta kienet 'applikat' l-appellanta. Hija ssostni li kienet ghamlet it-talba taghha ghall-ghajnuna socjali f'Awwissu 2011 u kien id-Dipartiment li kien ha z-zmien biex jigbor ic-certifikati u jaghmel il-verifiki necessarj.*

*Ii-ligi, f'artiklu 92 tal-Kap 318 tipprovdi diversi cirkustanzi ghal dik li hija applikazzjoni ghal beneficcju. Il-ligi trid li ssir applikazzjoni f'subartikolu (1)(a) izda f'subartikolu 1(b), l-applikant irid imur fl-ufficcji tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali meta dan jitolbu certifikati jew informazzjoni ohra. F'artiklu 92 (2) (ii) il-ligi tipprovdi li:*

*(ii) meta l-persuna li taghmel talba ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna ohra kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tad-Direttur li kull dewmien li kellha biex it-talba taghha tkun ufficjalment ricevuta mid-Dipartiment ma kienx dovut minhabba xi negligenza min-naha taghha, id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jikkunsidra t-talba bhala li tkun giet ufficjalment ricevuta fil-hin.*

*Fil-kaz odjern jidher li l-appellanti marret mill-ewwel tinforma lid-Dipartiment u ghalhekk l-applikazzjoni taghha kellha timtela' mid-Dipartiment minn dakinhar li marret tinformahom bil-bdil fic-cirkostanzi taghha pero' jzommha pendenti sakemm l-applikanta tkun tista' tipproduci d-dokumenti li f'dan il-kaz jirrizulta li l-applikanta ma setghetx tipproduci mhux minhabba xi negligenza da parti taghha imma minhabba ragunijiet li hi ma kellhiex kontrol fuqhom.*

*Decizjoni*

*Ghaldaqstant l-Arbitru qed jilqa' l-appell u jidderiegi li d-Dipartiment jemenda d-decizjoni tieghu fis-sens li l-beneficcju li kellha tinghata l-applikanta kellu jkun mid-data li hija infurmat lid-Dipartiment bil-bdil fic-cirkustanzi taghha."*

Illi Diane Degabriele hija reċipjenti tal-Għajnuna Soċjali. Din l-għajnuna ġiet lilha mwaqqfa senjalatament f'Lulju 2010, għar-raġuni illi hija naqset milli tattendi l-Uffiċċju Distrettwali fl-10 ta' Marzu 2010, 7 ta' April 2010, 13 ta' Mejju 2010, kif kienet ġiet mitluba li tagħmel. Hija reġgħet applikat fit-8 ta' Frar 2012, liema applikazzjoni ukoll ġiet miċħuda. Sussegwentament hija reġgħet applikat fit-**18 ta' Marzu 2013** u **fis-7 ta' Ottubru 2013.** Dawn l-aħħar żewġ applikazzjonijiet huma l-mertu tal-każ odjern.

Illi b'ittra datata **16 ta' Marzu 2012**, id-Direttur talab lil Diane Degabriele tmur l-Uffiċċju Distrettwali tal-Ħamrun fil-11 ta' April 2012. Id-Dipartiment bagħat ittri oħrajn lil Diane Degabriele sabiex din tmur fl-Uffiċċju, pero hija baqgħet ma marritx.

Sussegwentament, id-Dipartiment bagħat ittra datata **20 ta' Frar 2013** lil Diane Degabriele fejn din ġiet informata illi ġie deċiż illi hija mhijiex intitolata għall-Għajnuna Soċjali għaliex hija ma għamlitx dak li talabha tagħmel id-Dipartiment.

Illi wara l-applikazzjoni **tas-7 ta' Ottubru 2013**, fl-**14 ta' Ottubru 2013** hija ġiet informata illi it-talba tagħha għall-Għajnuna Soċjali ġiet awtorizzata mit-**23 ta' Marzu 2013.**

Diane Degabriele appellat quddiem l-Arbitru minn din id-decizjoni tad-Direttur ghaliex sahhqet illi hija kellha tirċievi l-għajnuna minn **Awwissu 2011** u mhux minn **Marzu 2013**. Hija qalet illi r-raġuni għalfejn hija ma għaddietx iċ-ċertifikat tal-insinwa li juri li ż-żwieġ taghha kien gie annullat kienet minħabba proċeduri legali.

Id-decizjoni tad-Direttur li jissospendi l-assistenza hi minnu stess artikolata fuq id-disposizzjoni ta' l-**Artikolu 97 (1)(b)** ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali. Dan jipprovdi illi

> "*tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghal korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li (b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha*

*ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabilixxi*"

Dwar din id-disposizzjoni tal-liġi il-Qrati tagħna qalu hekk:

*"Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-mertu ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;*

*B'mod mill-aktar evidenti l-kanoni tal-kondotta inkombenti fuq l-appellanti kienet in bazi ghall-imsemmija disposizzjoni dik li hi tirrispetta u tezegwixxi l-obbligazzjoni kollaterali taghha li tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d-dokumenti li talabha. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'rapporti obbligatorji ohra traccjati fil-ligi komuni, u b'mod partikolari, taht il-Kodici Civili. Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor.*

*In-nuqqas ta' l-osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni. F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogolha l-assistenza, ghaliex iddecizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata*

*L-osservanza tal-ligi hi haga altament desiderabbli u kull beneficjarju li jircievi l-assistenza mill-gid tal-kollettivita` ghandu jifhem li s-skiet u n-nuqqas ta' kolloborazzjoni tieghu ghandhom il-limiti taghhom u, anzi, jitraducu ruhhom f'dannu ghalih. (**5 ta' Marzu, 2010 Appell Civili Numru. 16/2009 Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**. Ara ukoll Tania **Galea vs Direttur tas-Sigurta` Socjali Qorti tal-Appell tat-13 ta' April, 2011 Appell Civili Numru. 20/2010**)*

Id-Direttur jgħid illi minkejja illi l-benefiċċjarja obbligat ruħha u intrabet li tinforma minnufih lid-Direttur b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, hija dan ma għamlitux. Huwa jgħid illi l-benefiċċjarja naqset milli tinforma lid-Dipartiment li kienet miżewwġa darbtejn ma' żewġ persuni. Illi d-Direttur jgħid illi d-Dipartiment sar jaf dwar dan wara investigazzjoni li saret mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni tal-Benefiċċji u l-Frodi.

Illi għal kull buon fini jingħad illi jirriżulta lil din il-Qorti illi l-benefiċċjarja naqset mill-obbligu tagħha skont il-liġi.

Sussegwentament l-għajnuna Soċjali reġgħet ingħatat lil Diane Degabriele b'effett mit-**23 ta' Marzu 2013**. Pero Il-benefiċċjarja ilmentat quddiem l-Arbitru illi din l-għajnuna ma ingħatatilhiex minn Awwissu 2011.

Jibda sabiex jiġi osservat illi l-appellanti ġiet konformi ma' dak mitlub minnha, u ċioe li tgħaddi ċertifikat mill-insinwa li ż-żwieġ tagħha kien gie annullat, **f'Ottubru 2013** pero hija ingħatat il-benefiċċju minn **Marzu 2013.**

Illi l-Artikolu 97 (1) tal-Kapitolu 318, illi jistipula hekk :-

*Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –*

(a) *tagħmel talba għaliha fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment għal dak il-benefiċċju, pensjoni,* allowance, *għotja għal korriment jew għajnuna jew b'dak il-mod l-ieħor li d-Direttur jista' xort'oħra jiddeċiedi dwar xi benefiċċju, pensjoni,* allowance, *għotja għal korriment jew għajnuna partikolari jew dwar xi talba partikolari, u li dik it-talba tkun uffiċjalment riċevuta mid-Dipartiment fil-limiti taż-żmien rispettivi stabbiliti bis-subartikolu (2).*

Illi mill-atti ma tirriżulta ebda applikazzjoni datata Awwissu 2011, u dan kif rikjest mill-artikolu hawn fuq ċitat. Lanqas ma jirrizulta xi dokument li jindika, kif jishaq l-Arbitru fid-decizjoni tieghu, illi l-appellata kienet marret fid-Dipartiment sabiex tressaq it-talba taghha b'mod verbali. Li jirrizulta huwa illi ghalkemm hija giet intimata kemm il-darba mid-Dipartiment sabiex tmur fl-Ufficcju Distrettwali sabiex tghaddielhom l-informazzjoni mehtiega hija dan naqqset milli taghmlu. Illi hija inghatat diversi appuntamenti u kwindi ma jistax jinghad kif ikkonkluda l-Arbitru illi l-appellata kienet tmur regolarment fid-Dipartiment. Illi l-Qorti tosserva illi ghalkemm id-Direttur appellat isostni fl-appell minnu intavolat illi l-Arbitru sema x-xhieda tal-appellata, madanakollu mill-atti dan ma jirrizultax. Jidher illi l-uniku seduta li saret quddiem l-Arbitru f'dan il-kaz kienet dik tal-20 ta' Gunju 2014 u mill-verbal tas-seduta ghalkemm hemm indikat illi l-appellanti kienet prezenti, madanakollu ma jirrizultax illi hija tat x-xhieda taghha. Ghaldaqstant il-motivazzjonijiet moghtija mill-Arbitru ma issibx sosteniment fl-atti.

Għal dawn il-motivi l-appell għandu jiġi milqugħ u s-sentenza appellata irrevokata u id-decizjoni tad-Direttur datata 14 ta' Ottubru 2013 qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------